32006L0099

20.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 363/137

**DIRETTIVA KUNSILL 2006/99/KE**

**ta' l-20 ta' Novembru 2006**

**li tadatta ċerti Direttivi fil-qasam tal-liġi dwar il-kumpanniji, minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija [1], u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 56 ta' l-Att ta' Adeżjoni, fejn l-atti ta' l-istituzzjonijiet jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007, u jeħtieġu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa mhumiex previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-atti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, sakemm il-Kummissjoni ma tkunx adottat l-att oriġinali.

(2) L-Att Finali tal-Konferenza li fasslet it-Trattat ta' Adeżjoni indika li l-Partijiet Kontraenti Għolja kienu laħqu qbil politiku dwar sett ta' adattamenti għal atti adottati mill-istituzzjonijiet li kienu meħtieġa minħabba l-adeżjoni u stieden lil-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jadottaw dawn l-adattamenti qabel l-adeżjoni, ikkompletati u aġġornati kif meħtieġ biex jittieħed kont ta' l-evoluzzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni.

(3) Id-Direttivi 68/151/KEE [2], 77/91/KEE [3], 78/660/KEE [4], 78/855/KEE [5], 83/349/KEE [6] u 89/667/KEE [7] għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttivi 68/151/KEE, 77/91/KEE, 78/660/KEE, 78/855/KEE, 83/349/KEE u 89/667/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif stipulat fl-Anness,

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew tali riferenza għandha takkumpanjahom meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġijiet nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. KORKEAOJA

---

[1] ĠU L 157, 21.6.2005, p. 11.
[2] ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8.
[3] ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1.
[4] ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.
[5] ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36.
[6] ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1.
[7] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 40.

*ANNESS*

**IL-LIĠI DWAR IL-KUMPANNIJI**

A. IL-LIĠI DWAR IL-KUMPANNIJI

1. 31968 L 0151: L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/EEC tad-9 ta’ Marzu ta’ l-1968 dwar il-koordinazzjoni ta’ salvagwardji li, għall-protezzjoni ta’ l-interessi ta’ membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU L 65, 14.3.1968, p. 8) kif emendata bi:

— 11972 B: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit (ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14),

— 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

— 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju ta’ Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta’ l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta’ l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— 32003 L 0058: Id-Direttiva 2003/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15.7.2003 (ĠU L 221, 4.9.2003, p. 13).

Dan li ġej jiżdied ma’ l-Artikolu 1:

“— *fil-Bulgarija:*

акционерно дружество, дружество с ограничена отговорност, командитно дружество с акции;

— *fir-Rumanija:*

societate pe acțiuni, societate cu răspundere limitată, societate în comandită pe acțiuni”.

2. 31977 L 0091: It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/EEC tat-13 ta’ Diċembru tal-1976 dwar il-kordinazzjoni ta’ salvagwardji li, għall-protezzjoni ta’ l-interessi tal-membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta’ Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta’ kumpanniji pubbliċi ta’ responsabbiltà limitata u ż-żamma u tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1) kif emendata bi:

— 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

— 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju ta’ Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),

— 31992 L 0101: Id-Direttiva tal-Kunsill 92/101/KEE tat-23.11.1992 (ĠU L 347, 28.11.1992, p. 64),

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta’ l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta’ l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta’ l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta’ l-Estonja, ir-Repubblika ta’ Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta’ l-Ungerija, ir-Repubblika ta’ Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Dan li ġej jiżdied ma’ l-Artikolu 1(1):

“— *fil-Bulgarija:*

акционерно дружество;

— *fir-Rumanija:*

societate pe acțiuni”.

3. 31978 L 0855: It-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/EEC tad-9 ta' Ottubru 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar l-għaqda ta' kumpannija b'responsabbiltà pubblika limitata (ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36), kif emendata bi:

— 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

— 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23)

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Dan li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1(1):

"— *Il-Bulgarija:*

акционерно дружество;

— *Ir-Rumanija:*

societate pe acțiuni".

4. 31989 L 0667: It-Tnax-il Direttiva tal-Kunsill rigward il-liġijiet tal-kumpanniji 89/667/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar kumpanniji privati ta' membru wieħed b'responsabbiltà limitata (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 40), kif emendata bi:

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

Dan li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1:

"— *fil-Bulgarija:*

дружество с ограничена отговорност, акционерно дружество;

— *fir-Rumanija:*

societate cu răspundere limitată".

B. STANDARDS GĦAŻ-ŻAMMA TAL-KOTBA

1. 31978 L 0660: Ir-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju tal-1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3) (g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11), kif emendata bi:

— 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

— 31983 L 0349: Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13.6.1983 (ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1),

— 31984 L 0569: Id-Direttiva tal-Kunsill 84/569/KEE tas-27.11.1984 (ĠU L 314, 4.12.1984, p. 28),

— 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23)

— 31989 L 0666: Il-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21.12.1989 (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36),

— 31990 L 0604: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/604/KEE tat-8.11.1990 (ĠU L 317, 16.11.1990, p. 57),

— 31990 L 0605: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/605/KEE tat-8.11.1990 (ĠU L 317, 16.11.1990, p. 60),

— 31994 L 0008: Id-Direttiva tal-Kunsill 94/8/KE tal-21.3.1994 (ĠU L 82, 25.3.1994, p. 33),

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 31999 L 0060: Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/60/KE tas-17.6.1999 (ĠU L 162, 26.6.1999, p. 65),

— 32001 L 0065: Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27.9.2001 (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— 32003 L 0038: Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/38/KE tat-13.5.2003 (ĠU L 120, 15.5.2003, p. 22),

— 32003 L 0051: Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18.6.2003 (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16),

— 32006 L 0043: Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.5.2006 (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87),

— 32006 L 0046: Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14.6.2006 (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).

(a) Dan li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1(1), l-ewwel sub-paragrafu:

"— *fil-Bulgarija:*

акционерно дружество, дружество с ограничена отговорност, командитно дружество с акции;

— *fir-Rumanija:*

societate pe acțiuni, societate cu răspundere limitată, societate în comandită pe acțiuni".

(b) Dan li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 1(1), it-tieni sub-paragrafu:

"— (z) *fil-Bulgarija:*

събирателно дружество, командитно дружество;

— (aa) *fir-Rumanija:*

asocietate în nume colectiv, societate în comandită simplă".

2. 31983 L 0349: Is-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju tal-1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54 (3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati (ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1), kif emendata bi:

— 11985 I: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23)

— 31989 L 0666: Il-Ħdax-il Direttiva tal-Kunsill 89/666/KEE tal-21.12.1989 (ĠU L 395, 30.12.1989, p. 36),

— 31990 L 0604: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/604/KEE tat-8.11.1990 (ĠU L 317, 16.11.1990, p. 57),

— 31990 L 0605: Id-Direttiva tal-Kunsill 90/605/KEE tat-8.11.1990 (ĠU L 317, 16.11.1990, p. 60),

— 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),

— 32001 L 0065: Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27.9.2001 (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 28),

— 12003 T: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati — l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

— 32003 L 0051: Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18.6.2003 (ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16),

— 32006 L 0043: Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.5.2006 (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87),

— 32006 L 0046: Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14.6.2006 (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).

Dan li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 4(1):

"(z) — *fil-Bulgarija:*

акционерно дружество, дружество с ограничена отговорност, командитно дружество с акции;

(aa) — *fir-Rumanija:*

societate pe acțiuni, societate cu răspundere limitată, societate în comandită pe acțiuni".